



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-8 ta' Settembru 2022

# L-awdituri tal-UE jidentifikaw riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ġiet stabbilita fl-2021 biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. Biex jirċievu sehem tal-ammont ta' aktar minn EUR 700 biljun f'appoġġ finanzjarju tal-UE disponibbli taħt l-RRF, l-Istati Membri jridu jippreżentaw pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li jiġu eżaminati mill-Kummissjoni Ewropea. Skont rapport speċjali li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija b'mod ġenerali xierqa, iżda fadal riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, b'hal stadji importanti mhux ċari u miri mhux ċari.

*"Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument uniku bil-għan li jappoġġa r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri u b'hekk l-irkupru u r-reżiljenza tagħhom",* qalet Ivana Maletić, il-Membri tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"Id-disponibbiltà f'waqtha tal-appoġġ għandha rwol ewlieni, iżda mhux akkost ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Irid ikun hemm trasparenza sħiħa u kontrolli effettivi stabbiliti biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintużaw għall-iskop maħsub tagħhom u jiksbu l-impatt previst tagħhom."*

L-awdituri eżaminaw il-proċess imwettaq mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-gwida li ġiet ipprovduta lill-Istati Membri f'dan il-kuntest. Għal sitt Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja u l-Italja) l-awdituri vverifikaw ukoll jekk il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni kinitx tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Huma sabu li, b'mod ġenerali, il-valutazzjoni kienet xierqa. Il-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjonijiet tagħha fuq linji gwida interni komprensivi u listi ta' kontroll komprensivi. Madankollu, l-assessuri ma użawhomx b'mod sistematiku jew uniformi għall-valutazzjoni kwalitattiva, u għalhekk xi drabi kien diffiċli biex il-valutazzjoni tiġi traċċata.

Skont l-awdituri, il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza x'aktarx se jikkontribwixxu għall-oqsma ta' politika li huma rilevanti għall-RRF, iżda l-punt sa fejn jikkontribwixxu jvarja, u l-impatt tagħha għad irid jidher fil-prattika. B'mod simili għall-konklużjoni li kienet waslet għaliha l-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha stess, l-awdituri sabu li l-ebda waħda mill-miżuri fil-kampjun tal-awditjar

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

x'aktarx se tagħmel ħsara sinifikanti lill-ambjent. Madankollu, il-miżuri biex jiġu mmitigati l-impatti ambjentali ma ġewx inklużi sistematikament fil-għamla ta' stadji importanti jew miri fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-awdituri sabu li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tejbet il-kwalità tal-istadji importanti u tal-miri. Minkejja dan, xi wħud minnhom ma kinux ċari u ma koprewx l-istadji ewlenin tal-implimentazzjoni, u mhux dejjem ġie applikat approċċ armonizzat fl-Istati Membri kollha. Il-klassifikazzjoni mill-Kummissjoni tal-ispejjeż stmati kienet tirrifletti nuqqas ta' informazzjoni għal ċerti miżuri. Kienet tirrifletti wkoll il-fatt li l-profilu ta' żborż irriżultaw minn negozjati aktar milli riflessjoni tal-ispejjeż ta' bażi.

Minbarra dan, l-awdituri eżaminaw jekk il-valutazzjoni mill-Kummissjoni żgurax li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom li kienu saru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew – iċ-ċiklu tal-UE ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tax-xogħol u soċjali. L-awdituri osservaw li l-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi "subsetta sinifikanti" ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mhijex iddefinita, u għalhekk għadha sa ċertu punt suġġetta għal ġudizzju, speċjalment f'każijiet fejn il-Kummissjoni identifikat lakuni. L-awdituri sabu wkoll li xi elementi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi baqgħu ma ġewx indirizzati fl-Istati Membri fil-kampjun tal-awditjar.

### **Informazzjoni ġenerali**

F'Lulju 2020 il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar fond għall-irkupru ta' aktar minn EUR 800 biljun – NextGenerationEU. Fil-qalba tiegħu hemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li l-ammont tagħha jilħaq EUR 723.8 biljun (fi prezzijiet attwali) b'kollox. Dan l-awditu huwa l-ewwel wieħed f'sensiela dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li hija waħda mill-prijoritajiet tal-QEA li tindirizza r-rispons li l-UE tat għall-pandemija tal-COVID-19 f'diversi dimensjonijiet ta' politika, inkluża l-governanza ekonomika.

Ir-Rapport Speċjali 21/2022, "*Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza: inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni*" għall-konklużjonijiet tagħna dwar il-proċess ta' valutazzjoni tal-RRPs", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

### **Kuntatt għall-istampa**

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224